# QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
# (SEDE SUPERJURI)

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI M. GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 12 ta' Ottubru 2022**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 19/2021**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Adrian Piscopo**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 19 tal-2021 kontra Adrian Piscopo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38595M:

**Fl-Ewwel Kap,** talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer b'diversi

atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmul b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt is-sittax (16) il-sena u ċioe' ma' A, minuri ta' tlettax (13) il-sena.

**Fit-Tieni Kap**, talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dan il-materjal indiċenti, li juri u jagħti stampa ċara ta' persuna taħt l-eta' u ċioe' A.

**Fit-Tielet Kap**, talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu xi materjal indiċenti li juri u jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta persuna ta' taħt l-eta', cioe A.

**Fir-Raba' Kap**, talli fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' u ċioe' ma' B, mwielda fis-sittax ta' Settembru 2001.

**Fil-Ħames Kap**, talli fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta, għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dan il-materjal indiċenti, li juri u jagħti stampa ċara ta' persuna taħt l-eta' u ċioe' B.

**Fis-Sitt Kap**, talli fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta akkwista, xjentament akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' nformazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indiċenti li juri u jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta persuna ta' taħt l-eta' u cioe B.

Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta'l-akkużat Adrian Piscopo preżentata fl-14 ta' Jannar 2022 fejn eċċepixxa:

"1. Illi l-procedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirrizulta minn l-atti processwali, senjatament Fol 19 tal-Process, is-sustanza tax-xhieda suppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici kif jipprovdi l-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetci, u kif ukoll ordnat l-Magistrat Dott. Audrey Demicoli, izda minkejja dan kollu, x-xhieda giet xorta registrata b'mezzi digitali;

2. Illi l-Ewwel Kap t'Akkuza huwa null u dan peress illi l-akkuza ta' partecipazzjoni sesswali ma' minuri, ma ggorx il-piena ndikata minn l-Avukat Generali u cioe dik bejn sitt (6) snin u erbghin (40) sena prigunerija. Di piu, fil-parti tal-piena hemm ndikati artikoli ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

3. Illi l-parti narrativa taht l-Ewwel Kap ta' Akkuza hija nulla u dan peress illi fiha hemm ndikati fatti li ma jirrizultawx mill-atti processwali, senjatament il-kliem 'nbuttalha u zammilha rasha l-isfel sabiex hija ddahhal l-organu sesswali tieghu f'halqha' liema kliem jistghu jinfluwenza avversament lil min ser jiggudika;

4. Illi fl-umli fehma tad-difiza, ghandu jkun hemm l-isfilz tad-dokument konsistenti f'mobile phone ezebit minn l-Spettur Joseph Busutill fil-prezentata ossia fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju, 2019, mmarkat bhala JB8, u dan flimkien ma' dak kollu li gie estratt minn go fih minn l-espert Keith Cutajar, u kwalunkwe referenza li tista ssir ghalih minn xi xhieda, u dan a bazi tal-fatt illi hemm nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza, stante illi minn l-atti processwali minn imkien ma jirrizulta minghand min jew min fejn gie elevat dan il-mobile phone. Di piu ma tressqet l-ebda prova dwar min huwa s-sid ta' dan l-istess cellulari, lanqas forsi permezz ta service providers li setghu jipproducu informazzjoni dwar fuq min hi registrata l-linja li kienet tintuza minn dan il-mobile phone;

5. Illi in ogni caso, u minghajr pregudizzju ghal l-eccezzjoni enumerata 2, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tal-Facebook chats kollha estratti minn l-mobile phone (Dok JB8), u liema chats gew ezebiti minn l-espert Keith Cutajar flimkien mar-rapport tieghu mmarkat bhala KC1 u ezebit a Fol 34 et seq, u senjatament Appendici 1 a Fol 45 konsistenti f'pen drive, u dan peress illi dawn ic-chats la gew konfermati minn min suppost baghthom u anqas ma gie indikat bhala xhud rapprezentant ta' Facebook li jista jikkonferma l-identita tal-persuna li qedha suppost tippartcepia

f'dawn ic-chats. Illi allura l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova shiha, senjatament anke dwar il-veracita ta' dawn l-istess ic-chats;

6. Minghajr Pregudizzju ghall-eccezzjoni enumerata 2, id-Difiza tisottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tar-ritratti ezebiti minn l-espert Keith Cutajar u li gew estratti mill-pen drive (Fol 45), u stampanti minn l-istess espert (prezentati a Fol 253 – 619) u dan peress illi la tqabbad espert tekniku sabiex jidentifika l-persuna li jidher fir-ritratti, u wisq anqas intwerew lix-xhieda li allegatament jidhru fir-ritratti, u ergo ma hemmx anqas prova ta min hi l-persuna li allegatament tidher f'dawn ir-ritratti, u jekk hijiex persuni minuri jew le;

7. Illi fl-umli fehma tad-difiza, ghandu jkun hemm ukoll l-isfilz tad-Dokument ezebit bhala KA1 prezentat mix-xhud Kurt Abela, a Fol 178 tal-process, u dan peress illi minn imkien ma jirrizulta l-vera idenitita ta' l-awtur tieghu, u cioe tal-persuna li kienet qed taghmel uzu mis-servizz kellimni.com, fl-liema chat il-persuna hija biss indikata bhala service user bin-nickname 'imkissra'. Dan qed jigi sottomess in vista tal-fatt illi minkejja illi A tixhed li hija ghamlet uzu minn dan is-servizz, hija la ssemmi d-data meta u anqas tikonferma jekk kenitx qed taghmel uzu minn xi nickname. Illi di piu, minkejja illi fuq il-print out ta' din il-konverzazzjoni online, hemm ndikat IP Address, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova ta' minn fejn originat din l-istess chat;

8. L-isfilz taz-zewg Stqarrijijiet ta' l-Akkuzat (JB 4 u JB5) li ttiehdet b'mod audioviz) u kwalunkwe referenza li setghet saret ghalihom mix-xhieda kemm b'mod dirett u kemm indirett, u dan peress illi minkejja illi l-akkuzat inghata d-dritt li jikkonsulta u jkollu l-prezenza tal-avukat waqt it-tehid tal-istqarrija, minn l-istess atti, minn imkien ma jirrizulta illi gie spjegat lilu l-portata ta' dan il-jedd tant importanti, l-aktar meta wiehed jikkunsidra il-gravita tar-reati li l-akkuzat kien qed jigi suspettat li seta wettaq u l-pieni gravuzi li dawn igorru maghhom."

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Mejju 2022, li permezz tagħha l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-akkużat kienu miċħuda.

Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Adrian Piscopo fid-09 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ċaħħdet l-

ewwel u it-tieni eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat, tirrevokaha fil-bqija u ċioe' fejn ċaħħdet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat u ċioe' l-eċċezzjonijiet enumerati tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7) u tmienja (8) u dan billi tilqa' tali eċċezzjonijiet.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-30 ta' Mejju 2022 fejn issottometta illi l-appell tal-akkużat Adrian Piscopo għandu jiġi miċħud.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**1**.Illi fl-appell minnu ntentat l-akkużat Adrian Piscopo jikkritika is-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn din ċaħdet it-tielet sat-tmien eċċezzjonijiet minnu sollevati fejn kien eċċepiet in-nullita' tal-att ta'akkuża u l-inammissibilita' ta' xi evidenza kkumpilata u ċioe' tad-Dokument JB8, konsistenti f'*mobile phone* u l-estrazzjonijiet kollha li saru mill-istess dokument mill-esperti tal-qorti, tad-Dokument KA1, billi l-awtur tad-dokument mhux magħruf, u ukoll tal-istqarrijiet minnu rilaxxati lill-investigaturi, eżebiti u mmarkati bħala Dokumenti JB4 u JB5.

**2**. Illi fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta illi l-Qorti Kriminali għamlet apprezzament żbaljat tal-argumenti minnu miġjuba 'il quddiem marbuta mat-tielet eċċezzjoni fejn il-Qorti injorat jew skartat għal kollox il-linja difenzjonali tiegħu.

**3**. Illi fit-tielet eċċezzjoni l-appellent iqanqal il-preġudizzjali tan-nullita' ta' l-Ewwel Kap ta'l-Att t' Akkuża billi jikkontendi illi fil-parti narrattiva tiegħu hemm fatti riportati mill-Avukat Ġenerali li ma jirriżultawx mill-evidenza kkumpilata. B'mod speċifiku jirreferi għal frażi adoperata mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva, fejn warajha fil-parti akkużatorja l-appellant kien mixli bir-reat tal-parteċipazzjoni f'attivita' sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta', fejn ingħad hekk:

> ***"(l-akkużat) ... nbuttalha u żammilha rasha 'l isfel sabiex hija ddaħħal l-organu sesswali tiegħu f' ħalqha."***

Dawn il-kliem fil-fehma tal-appellant jistgħu jinfluwenzaw avversament lil ġurati u għalhekk jinfluwixxu fuq id-deċiżjoni libera tagħhom b'dramatizazzjoni esaġerata tal-fatti li huma bbażati fuq konġetturi u invenżjonijiet immirati biss biex joħolqu impressjoni fuq il-ġurija popolari. Jikkontendi illi l-fatti dikjarati mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta'l-Att t' Akkuża iridu jiġu mfassal in konformita' ma' dak li jiddisponi l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali. Jitlob sussidjarjament f'dan l-aggravju illi jekk il-Qorti ma jirriżultalha ebda nullita', għandha tordna l-isfilż tal-frażi oġġezzjonabbli li, fil-fehma tiegħu, mhijiex imsejsa fuq ebda prova fl-atti kumpilatorji.

**4**. Illi l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-aggravju billi jsostni illi l-fatti li jemerġu mill-frażi li l-appellant qed isib l-oġġezzjoni għaliha u li fuqha qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni ta' nullita', joħorġu mix-xhieda tal-vittma stess u għalhekk ċertament ma humiex frott ta' xi konġettura. Illi fuq kollox il-fatti minnu dikjarati fil-parti narrattiva tal-Akkuża ma jikkostitwixxu ebda prova fil-ġuri u dan kif jiġi kemm il-darba spjegat lil ġurati qabel ma jgħaddu għad-deliberazzjoni finali.

**5**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

**"Dan il-kliem citat supra u cioe' li 'nbuttalha u zammilha rasha l-isfel sabiex hija ddahhal l-organu sesswali tieghu f'halqha' li jinsab fin-narrattiva tal-Avukat Generali ma jammontax ghal-prova tal-fatti. Dan kif diga' gie ritenut, ghandu jigi spjegat mill-imhallef togat fil-guri, qabel il-gurati jidhlu biex jiddeliberaw. Ghal dawn ir-ragunijiet ma tirrizulta l-ebda nullita' fl-Ewwel Kap tal-Akkuza u ghalhekk it-tielet eccezzjoni qeghda tigi respinta."**

**6**. Illi l-Qorti eżaminat l-atti kumpilatorji bil-għan li jiġi indirizzat dan l-ilment imressaq 'il quddiem mill-appellant, u eżaminat b'mod speċjali ix-xiehda tal-allegata vittma A meta hija tagħti detallji dwar l-inkontru sesswali li seħħ bejnha u bejn l-appellant ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u qabblet l-istess ma' dak rakkontat mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva u li dwaru l-appellant qed isib oġġezzjoni.[1]

**7**. Illi minn dan l-eżami tax-xiehda tal-minuri, ma jirriżultax illi l-Avukat Ġenerali ħoloq xi xenarju, fil-parti narrattiva għat-Tielet Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, li mhuwiex imsejjes b'mod ġenerali fuq l-evidenza ikkumpilata. Fil-fatt dan l-inċident huwa riflessjoni, fi kliem l-Avukat Ġenerali, ta' dak rakkontat mill-minuri, anke jekk mhux fi kliemha preċiż. Issa jekk il-kliem speċifiku adoperat mill-Avukat Ġenerali jista' jagħti lok għal interpretazzjoni ċertament ma jistax irendi l-Att ta'l-Akkuża nulla billi l-fatti narrati ma jikkostitwixxu ebda prova kif tajjeb irrimarkat il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha.

**8**. Illi l-ġurisprudenza in materja hija kopjuża. Dak li għandha tara l-Qorti meta tiġi biex tqies eċċezzjoni bħal din ventilata mill-appellant huwa li jkun hemm rispett u osservanza mill-Avukat Generali ta' dak li jiddisponi l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali. Ċertament jekk l-Avukat Ġenerali setax għażel kelma minflok oħra sabiex jirrakkonta il-fatti li minnhom imbagħad

[1] Ara xiehda ta' A a fol 53 tal-atti kumpilatorji.

silet ir-reat addebitat lil persuna akkużata, ma jwassalx għal xi nullita' ta'l-Att ta'l-Akkuża billi l-fatti li jwasslu lil ġurati għal ġudizzju tagħhom huma dawk biss li jemerġu mill-provi mismugħa waqt il-ġuri u żgur mhux fuq dak rakkontat mill-Avukat Ġenerali, kif dejjem jiġu ripetutament imwissija il-ġurati mill-Imħallef togat fl-indirizz tiegħu. Fuq kollox l-appellant ser jkun assistit waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri minn avukat sabiex b'hekk huwa jkun jista' jilqa' għal provi tal-Prosekuzzjoni billi jressaq il-provi huwa stess u jagħmel dawk il-kontro-eżamijiet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fejn jidhirlu xieraq u opportun.

> **"'l-Avukat Generali jista' jibbaza l-att ta' l-akkuza fuq provi li ma ngibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jgibx ghan-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza (jew kap ta' l-att ta' l-akkuza) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[2]"**

**9.** Illi allura l-ġurija popolari ser tgħaddi ġudizzju fuq il-provi li ser jinġiebu quddiemha u mhux fuq il-parti narrativa tal-att ta'l-akkuża, li, kif diġa' ingħad *supra,* hija radikata minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali. Fuq kollox, jerġa' ingħad, il-fatti narrati jirriflettu dak rakkontat mill-minuri fix-xiehda tagħha fil-kumpilazzjoni, anke jekk mhux fil-kliem preċiż tagħha, liema xhud ser tinstema' mill-ġdid fil-ġuri sabiex il-ġurati jkunu jistgħu jagħmlu l-apprezzament tagħhom bir-regoli u l-linji gwida imfassal fil-Kodiċi Kriminali u kif ser jiġu diretti li jagħmlu mill-Imħallef togat. Għal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**10**. L-appellant jikkritika wkoll is-sentenza appellata meta din caħdet ir-raba' eċċezzjoni minnu ventilata, fit-tieni aggravju imressaq minnu fir-rikors tal-

---

[2] App.Krim Sup – 13/05/1998 Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat

appell, b'ilment simili għal dak ventilata fl-ewwel aggravju illi l-Qorti Kriminali ma apprezzatx bi sħiħ l-argumenti miġjuba 'il quddiem mid-difiża. L-appellant jitlob l-isfilz tad-Dokument JB8 eżebit mill-iSpettur Joseph Busuttil, li kien l-uffiċjal investigattiv u prosekutur, flimkien mal-estrazzjoni maħruġa minn dan id-dokument mill-espert Keith Cutajar u kwalunkwe referenza li setgħat saret għal dan id-dokument minn xi xhud. Isejjes dan l-ilment fuq in-nuqqas ta' kontinwita' tal-evidenza stante illi fil-fehma tiegħu mill-atti kumpilatorji ma jirriżultax minn fejn kien elevat dan iċ-ċellulari u lil min jappartjeni. Lanqas jitressqu biex jixhdu xi provdituri tas-servizz sabiex jikkonfermaw fuq min hija reġistrata il-linja li kienet tintuza fuq dan iċ-ċellulari.

**11**. L-Avukat Ġenerali jirribatti illi ma teżisti ebda ksur fil-katina tal-evidenza billi l-Ispettur Joseph Busuttil jispjega minn fejn kien elevat id-Dokument JB8. Illi *di piu'* jisħaq illi tali difett fil-konservazzjoni tal-evidenza u l-kontinwita' tal-istess ma tirrendihiex inammissibli, iżda tista' tattakka biss il-valur probatorju tagħha, liema kwistjoni għandha tiġi rimessa unikament lill-imħallfin tal-fatt, u dan mill-provi li jinġabru fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**12.** Illi l-Qorti Kriminali iddeċidiet hekk fuq ir-raba', il-ħames u is-sitt eċċezzjonijiet billi dawn huma intrinsikament marbuta flimkien u msejsa fuq l-istess prova, u dan wara li ċċitat il-ġurisprudenza in materja:

> **"A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti ma tistax tisfilza id-dokumenti hekk indikati mill-akkuzat ghaliex m'hemmx kontinwita' t'evidenza jew ghax ic-chats ma gewx ikkonfermati minn min suppost baghthom. Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tichad ir-raba, hames u sitt eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat."**

**13**. Illi l-Qorti mingħajr tlaqliq tgħid illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fis-sottomissjonijiet minnu magħmula marbuta ma' dan l-aggravju. Illi prova

konsistenti f'dokument jew oġġett titqies li hija prova b'saħħitha meta jkun jista' jiġi stabbilit l-*iter* kollu li segwiet dik il-prova mill-mument li tkun elevata mill-investigaturi, sal-mument li ssib ruħha fil-qorti. Jekk dan l-*iter* b'xi mod jinkiser, u min iressaq 'il quddiem dik il-prova ma jistax jagħti spjegazzjoni dwar f'idejn min għaddiet dik l-evidenza pass wara pass, allura din titlef is-saħħa tagħha bħala prova attendibbli billi tista' tkun soġġetta għal kontaminazzjoni. Tali prova, b'daqshekk, ma hijiex waħda inammissibbli, li jfisser li hemm xi disposizzjoni tal-liġi li timpedieha milli tinġieb 'il quddiem fil-qorti. Illi allura, kif tajjeb jikkontendi l-Avukat Ġenerali, u kif dejjem ritenut fil-ġurisprudenza in materja, u li l-Qorti Kriminali tiċċita b'approvazzjoni fis-sentenza appellata, hemm distinzjoni bejn l-ammissibilita' o meno ta' prova u l-valur probatorju ta'l-istess billi prova tista' tkun ammissibbli iżda nieqsa mis-saħħa li jrendieha prova siewja fil-proċess ġudizzjarju.

**14**. Illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżulta illi d-Dokument eżebit u immarkat bħala "JB8" jikkonsisti f'*mobile phone* tad-ditta *Samsung.* Dan it-telefon jiġi eżebit mill-uffiċjal prosekutur u investigatur fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti Istruttorja meta l-appellant jitressaq bl-arrest u wara jiġi mgħoddi lill-espert tal-informatika nominat mill-Qorti, Keith Cutajar, sabiex jagħmel analiżi u estrazzjonijiet minnu konsistenti fost oħrajn f'*whatsapp chats* bin-numru 99286737, profil tal-*facebook* fuq isem Adrian Piscopo u profil tal-*facebook* falz bl-isem Mark Borg, b'diversi *keyword searches* fuq din id-*data* estratta bl-isem A u B. Ir-rapport ta'l-espert huwa immarkat bħala Dokument KC1, bl-estrazzjonijiet jkunu eżebiti f'*pen drive* annessa mar-rapport minn liema USB imbagħad jiġu estratti *stills* ta' filmati u ritratti fejn allegatament jidhru dawn il-minuri, liema ritratti jiffurmaw parti minn rapport separat li jinsab fit-tieni volum tal-atti kumpilatorji. Issa huwa minnu, kif tikkontendi d-difiża, illi fil-kors tax-xiehda tiegħu quddiem l-Istruttur, l-Ispettur Joseph

Busuttil ma jindikax minn fejn eleva id-Dokument JB8, iżda jindika illi huwa irnexxielu jaċċessa l-kontenut ta'l-istess billi anke isemmi il-paġni tal-*Facebook* li huwa investiga l-kontenut tagħhom fejn ġie stabbilit minnu illi l-appellant kellu żewġ profili fuq is-sit soċjali tal-*Facebook,* b'wieħed minnhom ikun irreġistrat f'isem falz, tant illi fl-interrogatorju huwa jistaqsi lill-appellant dwarhom. Dan kollu imbagħad huwa ikkonfermat fir-rapport ippreżentat mill-espert Keith Cutajar. Dan magħdud, madanakollu, il-katina tal-evidenza trid tiġi stabbilita fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta l-Ispettur Joseph Busuttil jieħu l-pedana tax-xiehda. Issa jekk din il-prova ma ssirx allura jispetta lill-Imħallef togat fl-indirizz finali illi jiggwida lil ġurati dwar is-saħħa probatorju o meno ta' din il-prova u ta' kull estrazzjoni li saret minn dan id-dokument mill-espert Cutajar. Ġie deċiż:

> **"Fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' l-istess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tas-smigh tal-provi, l-istess m'ghandhiex tigi preventivament u aprioristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghall- 'facts in issue"[3].**

**15**. Kwindi billi din il-prova magħmula permezz ta' dan id-dokument hija ferm rilevanti għal każ, u billi f'dan l-istadju ma hemm xejn skont il-liġi li jeskludi il-produċibbilita' tagħha bħala evidenza in atti, il-Qorti ma tistax tordna, *a priori* qabel is-smigħ tal-provi, l-isfilz tagħha unikament għaliex għad jrid jkun determinat il-valur probatorju ta'l-istess. Għal dawn il-motivi għalhekk dan l-aggravju ukoll qed jkun miċħud.

**16**. Illi t-tielet u r-raba' aggravji huma marbuta mal-estrazzjonijiet li l-espert tal-informatika Keith Cutajar joħroġ mid-Dokument JB8, u ċioe' mill-*mobile phone* li allegatament jappartjeni lill-appellant u għalhekk dawn l-aggravji

---

[3] App.Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Elhamshi Elghaoud et. deciza 09/01/2003

huma msejsa fuq l-istess ilment ventilat fl-aggravju preċedenti. Illi l-appellant jikkontendi illi fil-kumpilazzjoni tal-provi ma tressqitx l-evidenza li tista' twassal biex jiġi stabbilit l-identita' tal-persuni li kienu qed jitkellmu ma' xulxin fil-*facebook chats* estratti mid-Dokument JB8 u li allegatament kienu jidhru fuq il-profil tal-appellant u ta' persuna oħra bl-isem ta' Mark Borg, li l-espert jikkonkludi huwa profil b'isem falz. Jikkontendi għalhekk illi tonqos il-prova illi dawn il-konversazzjonijiet seħħew bejnu u bejn il-minuri. Kif jilmenta ukoll fir-raba aggravju illi għandhom jiġu iddikjarati inammissibbli ir-ritratti jew aħjar *stills* estratti mill-espert mill-imsemmi Dokument JB8 eżebiti fi-tieni volum tal-atti kumpilatorji, billi l-identita' tat-tfajliet li jidhru f'dawn ir-ritratti qatt ma kienet stabbilita waqt il-kumpilazzjoni. Jilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq bħala xhieda lil rappreżentant tas-sit soċjali tal-*facebook* sabiex jikkonferma lil min jappartjenu il-profili estratti mid-Dokument JB8 u rappreżentanti tal-provdituri tas-servizz biex jikkonferma x'linji tat-telefon kellu rreġistrati fuq ismu l-appellant, kif lanqas jitqabbad espert sabiex jidentifika l-persuni li jidhru fir-ritratti u lanqas jiġi ikkonfermat mix-xiehda tal-minuri illi huma ipparteċipaw f'dawn ic-*chats* jew inkella li kienu huma li jidhru fir-ritratti eżebiti.

**17**. L-Avukat Ġenerali jilqa' għal dawn l-aggravji bl-istess argument minnu miġjub 'il quddiem in konnessjoni mat-tieni aggravju. Jisħaq illi fl-atti hemm prova sħiħa u sodisfaċenti illi kemm il-*face-book chats* kif ukoll ir-ritratti estratti mill-espert Keith Cutajar jappartjenu lill-appellant billi dawn ġew maħruġa miċ-ċellulari tiegħu eżebit mill-Ispettur Joseph Busuttil fl-atti.

**18**. Illi għal dawn l-aggravji japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti għall-aggravju preċedenti u dan għaliex kif jindika l-appellant stess fir-rikors tal-appell, din hija kwistjoni ta' prova li għad trid issir fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux kwistjoni dwar l-inammissibbilita' tagħha,

kif ingħad. Hija l-Prosekuzzjoni li trid tasal biex tipprova, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, illi it-telefon ċellulari eżebit bħala Dokument JB8 jappartjeni lill-appellant, u li l-kontenut kollu estratt minn dan iċ-ċellulari huwa riżultat ta' ħidma diretta tal-appellant. Jispetta ukoll lil Prosekuzzjoni tipprova illi l-katina tal-evidenza ma ġietx miksura u li allura il-prova bl-ebda mod ma setgħat tiġi kontaminata. Jekk din il-prova ma ssirx allura, jerġa jingħad, l-evidenza tkun dgħajfa u jkun perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika jistrieħ unikament fuqha sabiex jasal għal ġudizzju finali. Din il-prova indiretta jew ċirkostanzjali hija ħolqa fil-katina tal-evidenza, u allura, flimkien mal-provi kollha, trid tipponta f'direzzjoni waħda sabiex twassal għal dikjarazzjoni ta' reita'. Jekk jinħoloq dubbju dwar il-provenjenza ta'l-istess u dwar il-kontenut tagħha, allura trid titwarrab. Dan jista' ssir biss fl-istadju tal-ġbir tal-provi u allura waqt il-ġuri, u mhux f'dan l-istadju minn din il-Qorti li m'għandhiex is-setgħa tagħmel evalwazzjoni tal-provi. Illi finalment is-sentenza ċċitata mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu u li fuqha qed isejjes dawn l-aggravji ma tapplikax għal każ in diżamina billi f'dak il-każ il-ġuri kien ġie iċċelebrat bil-persuna akkużat tinstab ħatja tar-reati lilha addebitati u allura fejn f'dak l-istadju s-smigħ tal-provi kien magħluq b'mod definittiv. L-eżerċizzju ta' kontroll fuq il-provenjenza u awtentiċita' tal-prova għad trid issir f'dan il-każ, fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, bil-ġudizzju dwar il-valur probatorju tagħha għandu jitħalla unikament f'idejn il-ġurati, u allura l-argument li jressaq l-appellant f'dawn iż-żewġ aggravji jista' jkun validu biss wara li jiġi iċċelebrat il-ġuri u mhux qabel. Għal dawn il-motivi it-tielet u ir-raba' aggravji qed ikunu miċħuda.

**19**. Illi fil-ħames aggravju l-appellant jerġa' iressaq l-istess ilment dwar nuqqas ta' apprezzament li għamlet il-Qorti Kriminali tal-argumenti minnu imqajjma in prim'istanza. Irid jingħad illi minn eżami tal-aggravji kollha li kellhom bħala bażi dan l-ilment komuni, ma jidhirx illi f'dan l-istadju ta'

reviżjoni l-appellant ressaq xi linja difensjonali differenti minn dik imressqa quddiem il-Qorti Kriminali bl-argumenti li jindika fir-rikors tal-appell tiegħu jiġu indirizzati kollha fis-sentenza appellata. Ma jindikax allura liema kienu dawk l-argumenti li l-Ewwel Qorti għażlet li tinjora jew li tiskarthom, b'implikazzjoni donnu illi dik il-Qorti għamlet dan volutament biex ma tagħtix widen għad-difiża tiegħu. Illi allura billi l-appellant ma jressaq ebda kritika "ġdida" u jirrepeti dak sottomess quddiem il-Qorti Kriminali, bis-sentenza appellata tindirizza dawn l-ilmenti mingħajr ma tinjora jew tiskarta xejn, din il-Qorti, issa fi stadju ta' reviżjoni trid tara biss jekk fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti Kriminali setatx errat fl-applikazzjoni tal-liġi u ġurisprudenza in materja.

**20**. Illi jingħad minnufih illi l-Qorti ma tista' issib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata anke fir-rigward ta' dan il-ħames aggravju li jikkonċerna id-deċiżjoni marbuta mas-seba' eċċezzjoni ventilata mill-appellant. F'din l-eċċezzjoni l-appellant jitlob l-isfilz tad-Dokument KA1, eżebit mix-xhud Kurt Abela konsistenti f'*chat log* maħruġa mis-sit *kellimni.com* fejn ix-xhud Kurt Abela jikkonversa ma' persuna anonima li tagħmel użu mis-serviżż bl-isem "imkissra". Jikkontendi l-appellant fl-ilment tiegħu illi għalkemm il-minuri A tikkonferma li għamlet użu minn dan is-servizz, imkien ma tindika id-data u l-ħin meta sar dan l-użu kif lanqas tikkonferma liema isem użat f'dawn il-konversazzjonijiet elettroniċi. Jisħaq illi l-prosekuzzjoni lanqas ma tressaq prova dwar lil min jappartjeni l-*IP address* li jidher fuq dan id-dokument, konsistenti f'*print out* ta' din ic-*chat* bejn ix-xhud Abela u persuna oħra bl-isem "imkissra" biex b'hekk hija nieqsa il-prova dwar l-awtentiċita' tad-dokument kif ukoll tal-veraċita' tal-kontenut tiegħu u dwar l-awtur ta'l-istess. Jikkontendi allura illi ġaldarba il-valur probatorju huwa *de minimis*, għandu jkun hemm l-isfilz tad-Dokument KA1.

**21**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni:

> **"Fis-seba' eccezzjoni tal-akkuzat qed jintalab ukoll l-isfilz tad-Dokument ezebit bhala KA1 prezentat mix-xhud Kurt Abela, a fol 178 tal-process, u dan peress illi minn imkien ma jirrizulta l-vera idenitita ta' l-awtur tieghu w minkejja illi fuq il-print out ta' din il-konverzazzjoni online, hemm ndikat IP Address, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova ta' minn fejn originat din l-istess chat. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra terga' tenfasizza illi dan il-punt hekk sollevat jirrigwardja l-valur probatorju u mhux l-ammissibilta' ta' dokument. Prova tista' tkun ammissibbli u allura m'ghandhiex tigi sfilzata izda minghajr valur probatorju, kif diga' gie spjegat bhal per ezempju meta dokument ma jigix awtentikat. Decizjoni jekk il-prosekuzzjoni ma gabitx il-quddiem l-ahjar prova, kif obbligata taghmel skond il-ligi mhux ser tittiehed issa izda fic-celebrazzjoni tal-guri u sta ghall-Imhallef togat li jispjega lil gurati dwar l-evidenza li tkun ingabet quddiemhom qabel dawn jidhlu jiddeliberaw. Ghalhekk, anke b'referenza ghal gurisprudenza sucitata, din l-eccezzjoni wkoll qeghda tigi michuda."**

**22**. Illi l-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri ċertament ma hijiex imsejħa biex tiddeċiedi dwar l-estent tal-valur probatorju tal-evidenza, kif donnu qed jistedinha tagħmel l-appellant. Din id-deċizjoni għandha issir unikament fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri b'din l-evidenza allura ma tistax tiġi skartata meta l-provi għadhom jridu jinstemgħu. Illi l-iskop tal-kumpilazzjoni hija dik tal-preservazzjoni tal-provi u tal-istruzzjoni tal-atti sabiex wkoll il-persuna akkużata tkun taf preventivement f'hix tikkonsisti l-evidenza li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni u li fuqha qed isejjes il-każ tagħha. Ċertament ma huwiex l-iskop tal-Istruttorja u lanqas is-setgħa tal-Qorti f'dan l-istadju li tissostitwixxi s-setgħa mħollija unikament lil ġurija li tagħmel l-evalwazzjoni tal-provi. Illi allura huwa biss fi stadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi il-prova dwar l-awtentiċita' u l-veraċita tad-dokument tista' ssir u dan meta kemm Kurt Abela kif ukoll il-minuri, it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni, fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża, ser jieħdu il-pedana sabiex jirrakkontaw il-fatti minnhom magħrufa.

**23**. Illi mingħajr ma tinoltra ruħha f'xi evalwazzjoni tal-provi, minn eżami tal-atti kumpilatorji, jirriżulta illi fil-kors tax-xiehda tagħha il-minuri A tikkonferma li għamlet użu mill-helpline *kellimni.com* u għalkemm ma tgħidx li użat l-isem "imkissra", madanakollu tikkonferma s-sustanza tal-konversazzjoni li saret u il-mottiv li wassalha sabiex tagħmel użu minn dan is-servizz. Imbagħad ix-xhud Kurt Abela, li jeżebixxi dan id-dokument konsistenti f'*printout* ta' din il-konversazzjoni, jikkonferma il-kontenut ta'l-istess u jixhed dwar kif wasal biex jistabbilixxi l-identita' tal-persuna li kienet qed tkellmu taħt l-isem "imkissra". Iktar 'il quddiem fl-istess konversazzjoni fil-fatt il-minuri tindika lil Abela isimha proprju[4].

**24**. Dan ifisser illi l-appellant issa għandu f'idejh il-provi kkumpilati li abbażi tal-istess il-Prosekuzzjoni ser tistrieħ biex tressaq il-każ tagħha. Kwindi huwa f'posizzjoni li jiddefendi ruħu għall-akkużi lilu addebitati, b'dan madanakollu illi dawn il-provi issa jridu jitressqu fil-kors tal-ġuri fejn huwa ser ikollu l-opportunita' li jipprova ixejjen din l-evidenza. Żgur mhux forsi, iżda illi la din il-Qorti, u lanqas il-Qorti Kriminali, ma tista' f'dan l-istadju twarrab ebda evidenza li hija rilevanti għal każ unikament għaliex fil-fehma tal-appellant din tista' tkun waħda dgħajfa. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jkun miċħud.

**25**. Jifdal biex ikun trattat l-aħħar aggravju ventilat mill-appellant marbut mat-tmien eċċezzjoni preliminari li huwa jressaq, f'liema eċċezzjoni huwa jitlob l-isfilz taż-żewġ stqarrijiet minnu rilaxxati mal-arrest tiegħu eżebiti in atti bħala Dokumenti JB4 u JB5 u ta' kwalunkwe referenza li setgħat saret minn xi xhud għal dawn l-istqarrijiet. Jisħaq l-appellant, illi għalkemm huwa ingħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi u ċioe' li jikkonsulta ma' avukat u li

[4] Fol.184 tal-atti

jkollu avukat preżenti miegħu waqt it-teħid ta' l-istqarrijiet, madanakollu jilmenta illi ma ġiex spjegat lilu l-portata ta' dan il-jedd tant importanti.

**26.** Illi l-appellant jirrilaxxa l-ewwel stqarrija tiegħu nhar it-22 ta' Lulju 2019, liema stqarrija hija eżebita bħala Dokument JB4. Dak in-nhar stess, aktar tard, itteħditlu it-tieni stqarrija b'mod awdjo-viżiv, liema stqarrija hija traskritta u eżebita in atti a fol. 110 *et seq* tal-atti kumpilatorji. Din l-istqarrija hija eżebita bħala Dokument JB5. L-ilment tal-appellant mhuwiex daqstant illi huwa ma ingħatax il-jeddijiet tiegħu skont il-liġi, jew inkella li l-istqarrija tiegħu hija b'xi mod ivvizjata, iżda qiegħed jitlob l-isfilz ta' dawn l-istqarrijiet unikament għaliex jidhirlu illi l-investigaturi kellhom jispjegaw aktar fid-dettall u jfehmuh sew l-portata ta' dan il-jedd, fid-dawl tal-akkużi serji li seta' jkun qiegħed jiffaċċja.

**27**. Illi l-Avukat Ġenerali jargumenta illi minn imkien mill-atti ma jirriżulta illi l-appellant ma kienx qed jifhem it-twissija li ngħatatlu qabel ma rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu. Jisħaq anzi illi kif jirriżulta mill-istqarrija stess, Dokument JB4, d-drittijiet tal-appellant ġew lilu imfissra b'mod ċar, b'konferma minn naħa tiegħu li huwa kien qed jifhem il-portata ta' dan il-jedd. L-appellant ukoll jiffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens li hija eżebita in atti bħala Dokument JB3.

**28**. Illi l-Qorti Kriminali iddeċċidiet is-segwenti dwar din l-eċċezzjoni:

> **"Din il-Qorti fliet din it-tielet skeda tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta li qeghda ssir referenza ghaliha supra, u ma jirrizulta minn imkien li l-pulizija jridu jishqu dwar l-importanza tad-dritt tal-avukat qabel u waqt l-interrogazzjoni. Il-Qorti taf li dan hu dritt importanti hafna, madankollu bid-dovut rispett, il-pulizija mhux mistennija li jishqu fuq l-importanza ta' l-istess dritt kif inhi l-ligi illum ghalkemm ikun rakomandabbli li ikun hemm amenda fil-ligi fejn tesigi li l-pulizja jew ufficcjal investigattiv iehor jinforma lis-suspettat bl-importanza ta' tali dritt u dan sabiex l-effett ta' tali assistenza tkun aktar protetta. Kif**

**diga' gie ndikat, u kkonfermat mill-istess akkuzat, il-pulizija tawh id-drittijiet tieghu skond il-ligi u kien hu li volontarjament irrifjutahom. Forsi wasal iz-zmien sabiex id-drittijiet ta' suspettat jigu verament protetti in linea mad-direttiva tal-Unjoni Ewropea li ssir mandatorja li suspettat ikun assistit minn avukat waqt l-interogatorju u jekk ma jridx ikun hekk assistit ikun hemm dikjarazzjoni maghmula mill-avukat stess li s-suspettat ma jridx ikun assistit u dan minkejja li gie spjegat lilu l-import ta' tali assistenza. B'hekk jigi konfermat li s-suspettat ghazel li ma jkunx assistit minn avukat meta kien jaf bl-importanza ta' tali assistenza u dan sabiex ikun f'posizzjoni ahjar li jifhem il-letter of rights tieghu.**

**Tajjeb pero li jigi nnutat ukoll illi Artikolu 19 tal-iskeda jistipola is-segwenti:**

> ***Effett ta' dan il-Kodiċi. In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma jinvalidax l-istqarrija li tkun ittieħdet, kemm-il darba dak in-nuqqas ta' osservanza ma jkunx ixejjen l-volontarjetà tal-istqarrija. Madankollu, jistgħu jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra persuni li ma josservawx id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.***

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha sucitati din il-Qorti qeghda tichad it-tmien (8) u l-ahhar eccezzjoni preliminari tal-akkuzat, flimkien mal-eccezzjonijiet preliminari kollha."**

**29**. Illi jibda biex jingħad illi l-liġi titkellem dwar il-jedd tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat li tingħata aċċess għall-assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija u dan sabiex tgawdi b'mod sħiħ mill-privileġġ kontra l-awto-inkriminazzjoni u mid-dritt tagħha għas-silenzju. Mkien il-liġi ma tispeċifika illi l-interrogatur għandu joqgħod jagħti xi spjegazzjoni bl-implikazzjonijiet legali dwar l-eżerċizzju ta' dan il-jedd jew in-nuqqas tiegħu, kif tajjeb tosserva l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata. Illi l-Qorti tosserva illi l-leġislatur għandu jara madanakollu illi għandha issir emenda għat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Kodiċi ta' Prattika għall-Interrogazzjoni tal-Persuni Suspettati jkun konformi mal-liġi kif inhi

viġenti llum billi fil-parti fejn l-interrogatur jingħata gwida dwar kif għandha tkun it-twiddiba li tingħata lill-interrogat din mhijiex in konformita mal-liġi[5].

**30**. Magħdud dan, jidher mill-aggravju ventilat illi l-appellant ma jilmentax illi huwa ma ngħatax dan il-jedd jew inkella li l-istqarrijiet tiegħu huma b'xi mod ivvizzjati b'xi theddid, wegħdiet ta' xi vantaġġ, jew billi kien imwerwer jew imbeżża'. Anzi mid-Dokument JB3, li sar in konformita' ma' dak li tipprovdi l-liġi[6], jidher illi kienet l-għażla libera tiegħu li jirrifjuta li jkun assistit minn avukat. Mhux biss, iżda ma jidhirx illi matul l-interrogazzjonijiet li segwew l-appellant f'xi ħin biddel fehmtu, irrinunzja għal din ir-revoka tal-jedd tiegħu u talab lil pulizija li jkun assistit minn avukat.

**31**. Illi l-QEDB dejjem saħħqet illi ir-rinunzja volontarja għall-assistenza legali trid tirriżulta illi saret b'mod informat u intelliġenti u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ta' tali rifjut.

> ***77. In this respect the Court reiterates that neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees***

---

[5] Twiddiba
Il-persuna li tkun qed tiġi interrogata għandha d-dritt li tirrifjuta milli twieġeb għal xi mistoqsija li ssirilha.
Għal dawn ir-raġunijiet, qabel ma ssir l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata li tkun għamlet reat, għandha tingħata twissija jew twiddiba f'din il-forma li ġejja:
"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova.".
Meta tkun tapplika r-regola tal-inferenza skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, it-twiddiba għandha tkun kif ġej:
"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova; madankollu, jekk ma tkun trid tgħid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, il-Qorti jew il-ġudikant jistgħu jaslu għal regola ta' inferenza li tammonta għal prova korroborattiva, jekk matul il-proċess inti tressaq xi difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni." – din il-parti tal-liġi llum hija abrogata ara artikolu 355AUA(7) tal-Kodiċi Kriminali.

[6] Artikolu 355AUA(6) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:
Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata ma għażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qed tinżamm taħt arrest.

*of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Sejdovic v. Italy [GC], no. 56581/00, § 86, ECHR 2006-...; Kolu v. Turkey, no. 35811/97, § 53, 2 August 2005, and Colozza v. Italy, 12 February 1985, § 28, Series A no. 89). A waiver of the right, once invoked, must not only be voluntary, but must also constitute a knowing and intelligent relinquishment of a right. Before an accused can be said to have implicitly, through his conduct, waived an important right under Article 6, it must be shown that he could reasonably have foreseen what the consequences of his conduct would be (see Talat Tunç v. Turkey, no. 32432/96, 27 March 2007, § 59, and Jones v. the United Kingdom (dec.), no. 30900/02, 9 September 2003).*

*78. The Court considers that the right to counsel, being a fundamental right among those which constitute the notion of fair trial and ensuring the effectiveness of the rest of the foreseen guarantees of Article 6 of the Convention, is a prime example of those rights which require the special protection of the knowing and intelligent waiver standard. It is not to be ruled out that, after initially being advised of his rights, an accused may himself validly waive his rights and respond to interrogation.*[7]*"*

**32**. Illi minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-appellant kien mgħarraf li kellu dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni. Kien mgħarraf ukoll illi l-avukat seta' jipparteċipa b'mod attiv u effettiv f'din l-interrogazzjoni. Wara li għarraf lill-uffiċjal investigattiv li kien qed jirrifjuta li jeżerċita dan il-jedd, kien infurmat ukoll finalment illi f'kull waqt matul l-interrogatorju u fil-kors tal-investigazzjoni huwa seta' jirrevoka r-rifjut tiegħu[8].

**33**. Fil-bidu tal-interrogazzjoni, imbagħad, ikkonferma illi ngħata id-drittijiet kollha skont il-liġi u li kien irrinunzja għal dawn id-drittijiet u dan wara li ddikjara finalment li fehem li kellu l-privileġġ kontra l-awto-inkriminazzjonu u il-jedd għas-silenzju. Illi finalment kif kemm il-darba affermat minn din il-Qorti, prova ma titqiesx li hija nammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi

[7] PISHCHALNIKOV v. RUSSIA - *(Application no. 7025/04) deċiża 24/12/2009*

[8] Ara Dokument JB3

l-appellat ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet, iżda jistrieħ unikament fuq il-premessa illi ir-rifjut tiegħu għall-assistenza legali kienet imsejsa fuq nuqqas ta' informazzjoni dwar il-portata ta' dan il-jedd, liema rekwizit ma jemani minn ebda regola ta' dritt proċedurali penali. Għal dawn il-motivi l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali u għalhekk anke dan l-aggravju qed jkun miċħud.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost mill-akkużat Adrian Piscopo. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex il-każ ikompli jinstema' skont il-liġi.

Il-Qorti tordna divjet fil-publikazzjoni, fuq il-mezzi tax-xandir u fil-gażżetti lokali, kif ukoll fuq is-sit uffiċjali tal-Gustizzja ta' Malta tal-ismijiet tal-minuri.

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**